**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 19 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru 80/21**

**Georgina armla minn Philip Grima, Joseph Grima u Doreen Grima**

**Vs**

**Mary Galea u Joseph Galea**

Il-Bord,

Ra r-Rikors tar-rikorrenti ppreżentat fis-7 ta' April 2021 li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:
"

1. *Illi r-rikorrenti Grima huma proprjetarji tal-fond numru 125 Triq Frans Sammut ġja Bishop Caruana Street, Żebbuġ, liema fond kien inkera lill-ġenituri tal-intimati.*

2. *Illi l-ġenituri tal-intimati Galea baqgħu jgħixu fil-fond sa mewthom u f'dan l-istess fond fil-ġurnata tal-mewt tagħhom kienu jgħixu magħhom l-intimati odjerni jew min minnhom li ai termini tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta kellhom dritt li jibqgħu jgħixu fil-fond b'kera rriżorja.*

3. *Illi missier u-raġel tal-esponenti, Philip Grima, miet fit-2 ta' Diċembru 2015 skont ċertifikat tal-mewt, Dokument A u riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti B u C, l-wirt tiegħu ddevolva 'ab intestato' wara li nfetaħ it-testment sigriet tiegħu b'digriet tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, digriet numru 855/16, Dokument D hawn anness.*

4. *Illi kif jirriżulta mill-istess testament huwa ma nnominax eredi bit-testment tiegħu imma ħalla biss xi legati hemm imniżżla konsegwentement il-wirt tiegħu ddevolva*

*½ indiviz lil martu Georgina Grima u in kwantu għal nofs indiviż ieħor fuq l-uniċi uliedu r-rikorrenti Joseph Grima u Doreen Grima.*

5. *Illi b'dikjarazzjoni causa mortis tal-1 ta' Diċembru 2016 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar li estratt minnha konċernanti l-fond de quo qed tiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument E l-fond numru 125 Triq Frans Sammut ġja Bishop Caruana Street, Żebbuġ, Malta ġie dikjarat 'causa mortis' lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.*

6. *Illi konsegwentement Georgina Grima hija proprjetarja ta' 1/2 indiviżi tal-istess fond waqt li l-uniċi ulied u aħwa Joseph Grima u Doreen Grima huma proprjetarji ta' 1/2 indiviż tal-istess fond bejniethom.*

7. *Illi l-kera li l-intimati qed iħallsu huwa dak il-minimum stabbilit mil-liġi ossia €209.30 fis-sena pagabbli bis-sitt xhur bil-quddiem, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li huma marbutin mal-kera li fond seta' f'xi żmien iġib fl-4 ta' Awwissu 1914, liema disposizzjonijet ġew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*

8. *Illi l-fond imsemmi bl-emendi tal-Att X tat-2009 illum għandu kera ta' €209.30 fis-sena pagabbli bis-sitt xhur bil-quddiem ai termini tal-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-istess liġi, ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali għal mod li bih ikun jiżdied l-Indiċi ta' Inflazzjoni bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2022.*

9. *Illi qabel l-emenda ai termini tal-Att X tal-2009, kien japplika l-'fair rent' a tenur tar-'Rent Restriction Dwelling Housing Ordinance' tal-1944 fejn kien jistabbilixxi l-fair rent a tenur tal-Artikolu 3 u 4 tal-istess Ordinanza, liema 'fair rent' a tenur tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta ma seta' qatt jeċċedi dak li hemm stipulat fl-Artikolu 4 tal-istess Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta ossija kumpens ta' kera kif stabbilit bil-liġi ta' fond kieku kien inkera f'kull żmien qabel l-4 ta' Awwissu 1914.*

10. *Illi dan ifisser illi r-rikorrenti ma setgħu qatt jikru l-fond in kwistjoni u jirċievu kera ġusta stante li bil-liġi dak li kienu jircievu kien kera kif stipulat fil-1914 u baqa' hekk sal-2010 bl-aġġustamenti rriżorji tal-Att X tal-2009.*

11. *Illi billi l-kera hija fissa fil-liġi u ma tistax tinbidel minkejja li l-prezzijiet fis-suq dejjem jogħlew u llum il-ġurnata teżisti diskrepanza enormi bejn il-kera annwali fuq il-fond u r-redditu li l-istess fond kien iġib f'suq ħieles din il-kirja tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti stante li ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dak tal-inkwilini.*

12. *Illi l-fond fis-suq ħieles iġib kera ta' mill-anqas €2,500 fix-xahar.*

13. *Illi għalkemm xi snin ilu daħal fis-seħħ l-Att X tal-2009 sabiex itaffi d-diskriminazzjoni u l-inġustizzji li l-liġijiet speċjali tal-kera kienu joħolqu versu s-sidien ta' proprjetà, din l-istess liġi bl-ebda mod ma tgħin lill-esponenti peress li ma taffettwax il-kera ġust tal-fond u inoltre b'din l-istess liġi t-tfal tal-intimati Galea x'aktarx ser ikollhom il-jedd li jirtu l-kirja.*

14. *Illi effettivament bl-istat li hija l-liġi, ir-rikorrenti m'għandhomx speranza reali li qatt jiksbu l-pussess effettiv tal-fond jew redditu reali tal-istess fond tul ħajjithom.*

15. *Illi la r-rikorrenti u lanqas l-antekawża minnhom ma qatt kienu taw il-kunsens ħieles tagħhom li l-fond jinkera kif fuq premess imma ġew sfurzati jagħmlu hekk minħabba l-liġi ta' rekwiżizzjoni viġenti stante li l-fond ma kienx fond dekontrollat u lanqas dekontrollabli kif jirriżulta mid-Dokument F u konsegwentment ma setax jitħalla vojt.*

16. *Illi għalkemm il-perjodu tal-kirja kien biss għal sena, din l-istess kirja tiġġedded minn sena għal sena u r-rikorrenti m'għandhom l-ebda dritt jirrifjutaw li jġeddu din il-kirja.*

17. *Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti ġew mqiegħda u mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom mingħajr ma qed jingħataw kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond u dan peress illi l-kera li jitħallsu bl-ebda mod ma hux qrib il-valur lokatizzju reali tal-istess fond kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

18. *Illi l-privazzjoni tal-proprjetà tar-rikorrenti hija leżjoni tad-dritt tal-proprjetà kif protetta mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.*

19. *Illi r-rikorrenti pproċedew b' kawża quddiem il-**Prim Awla, Sede Kostituzzjonali, rikors numru 108/2020 JZM fl-ismijiet Georgina Grima et vs Avukat tal-Istat et, li ġiet deċiża finalment mill-istess Qorti fit-18 ta' Marzu 2021**, u li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**Dokument G**" fejn il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ddikjarat illi l-lokazzjoni viġenti bejn il-kontendenti a favur tal-intimati Galea hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl- Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

**20.** *Illi bis-sentenza surreferita in Prim' Istanza (Sede Kostituzzjonali), ġie deċiż illi l-Qorti hi tal-fehma li ladarba ġie stabbilit li ġew u qegħdin jiġu miksura l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti minħabba nuqqas ta' bilanċ bejn l-interessi tas-sid u l-iskopijiet soċjali li kellhom jintlaħqu, l-intimati Galea ġew ordnati biex ma jibqgħux jistrieħu fuq il-protezzjoni offerta lilhom mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jibqgħu jokkupaw il-fond in kwistjoni, liema liġi ġiet dikjarata li hija leżiva tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti.*

**21.** *Illi konsegwentement, kwalsiasi kirja li kienet eżistenti bejn il-kontendenti, hija nulla u bla effett b'konsegwenza tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet premessi, deċiża fit-18 ta' Marzu 2021, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, kulma sar taħt liġi li ġiet dikjarata li tivvjola l-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-Konvenzjoni Ewropea hija nulla u bla effett.*

**22.** *Illi konsegwentement l-intimati ma jistgħux jibqgħu jgawdu mil-lokazzjoni sfurzata fuq is-sidien rikorrenti, għax din il-lokazzjoni kif ġiet deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tivvjola d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti, kif ġie deċiż fis-sentenza surreferita.*

**23.** *Illi għalhekk l-okkupazzjoni tal-intimati kull ġurnata wara din is-sentenza hawn fuq msemmija hija leżiva tad-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti, u kif jiddisponi l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, kulma sar taħt liġi li ġiet dikjarata li tilledi d-drittijiet kostituzzjonali tal-individwu hija nulla u bla effett.*

**24.** *Illi ġialadarba l-lokazzjoni ta' bejn il-kontendenti hija nulla u bla effett, ifisser illi l-intimati ma jistgħux jibqgħu in okkupazzjoni għax it-titolu tal-kirja tagħhom ġie terminat ex lege.*

**25.** *Illi għalhekk l-intimati m'għandhomx dritt jibqgħu in okkupazzjoni tal-fond stante li ai termini tas-sentenza surreferita l-Qorti ddikjarat li l-intimati ma jistgħux jibqghu jokkupaw l-fond b'titolu ta' lokazzjoni ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li ġiet dikjarata leżiva in konfront tal-istess sidien rikorrenti, biex b'hekk l-intimati mhux qed jokkupaw il-fond taħt l-ebda titolu ta' kera li xi darba kellhom.*

**26.** *Illi l-intimati wara s-sentenza surreferita m'għandomx difiża x'jagħtu kontra t-talba tar-rikorrenti għax l-ordni ta' rekwiżizzjoni illi abbażi tagħha kienet tokkupa l-fond ġiet dikjarata anti-kostituzzjonali u b'hekk hija bla effett.*

27. *Illi huma jafu lilhom nfushom bil-fatti kif fuq esposti u Doreen Grima tikkonferma dan bil-ġurament tagħha.*

28. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża biex jiġi dikjarat li l-intimati ma jistgħux jibqgħu jokkupaw l-fond **125, Triq Frans Sammut ġja Bishop Caruana Street, Ħaż Żebbuġ**, u biex konsegwentement jiġi ordnat l-iżgumbrament tal-istess intimati mill-fond in kwistjoni ġialadarba t-titolu ġie terminat ex lege, stante li tali kirja ġiet misjuba li tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Grima u konsegwentement l-intimati ma jistgħux jibqgħu jistrieħu fuq d-din it-tali kirja li hija abbużiva u llegali u tilledi d-drittijiet kostitutzzjonali tar-rikorrenti.*

***Għaldaqstant**, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensati mis-smigħ tal-kawża odjerna bil-proċeduri sommarji speċjali kif stabbiliti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord biex jordna lill-intimat sabiex jidher quddiem il-Bord fil-ġurnata u ħin kif stabbilit mill-istess Bord u f'każ li l-intimat jkun kontumaċi f'dik is-seduta, jew inkella jekk huwa jonqos milli jidher f'dik is-seduta u li jkollu difiża li tiswa' u li jista' jagħmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera għandu:*

**I.** *Jiddikjara u Jiddeċiedi illi l-intimati Mary Galea (K.I. 443449M) u Joseph Galea (K.I. 530553M) ma jistgħux jibqgħu in okkupazzjoni tal-fond 125, Triq Frans Sammut ġja Bishop Caruana Street, Ħaż Żebbuġ, proprjetà tar-rikorrenti stante illi l-kirja viġenti bejn il-partijiet ġiet terminata ex lege bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-18 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet premessi, ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ġialadarba ġiet reża nulla u bla effett fil-liġi stante li tali lokazzjoni tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif deċiż, u kull ġurnata in okkupazzjoni qed tikkawża danni lill-istess rikorrenti.*

**II.** *Jikkundanna lill-intimati Mary Galea (K.I. 443449M) u Joseph Galea (K.I. 530553M) jiżgombraw mill-fond 125, Triq Frans Sammut ġja Bishop Caruana Street, Ħaż Żebbuġ, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom ffissat minn dan il-Bord.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni, u b'riżerva għal azzjoni ta' danni kontra l-intimati Galea."*

Ra d-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Doreen Grima a fol. 8 tal-proċess;

Ra illi fis-seduta tal-lum deher l-intimat Joseph Galea fejn talab li l-intimati jikkontestaw dawn il-proċeduri peress li għandhom difiża x'jagħtu;

Ra n-Nota ppreżentata mill-intimati fis-seduta tal-lum li permezz tagħha elenkaw ir-raġunijiet li abbażi tagħhom għandhom jingħataw il-fakoltà li jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti;

Wara li sema' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, qies li l-intimati ma ppruvawx fuq bażi *prima facie* li għandhom eċċezzjonijiet validi x'jagħtu u għaldaqstant il-Bord ċaħad it-talba tagħhom biex jikkontestaw dawn il-proċeduri;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li in vista li din hija proċedura sommarja, il-Bord kellu jgħaddi għas-sentenza minnufih.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-riżultanzi proċesswali jirriżulta illi l-intimati jikru mingħand ir-rikorrenti l-fond numru 125, Triq Frans Sammut ġja Bishop Caruana Street, Żebbuġ versu l-kera ta' €209.30 fis-sena.

Jirriżulta wkoll illi in konnessjoni mal-kirja *de quo* r-rikorrenti pproċedew b'kawża kostituzzjonali fl-ismijiet **Georgina Grima et vs l-Avukat tal-Istat et** liema kawża ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu 2021, fejn fost affarijiet oħra ġie dikjarat illi r-rikorrenti ġarrbu vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa bl-Ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Ġie deċiż ukoll is-segwenti, u *cioè*:

***"Riferibbilment ukoll għall-ewwel (1) talba, tiddikjara u tiddeċiedi li peress li d-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati Galea, dawn ma jistgħux jibqgħu jistrieħu fuq il-Kap 69 sabiex jibqgħu jokkupaw il-fond 125, Triq Frans Sammut ġia Triq l-Isqof Caruana, Żebbuġ."***

Madankollu, l-istess Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex tiżgombra lill-intimati mill-fond *de quo* u dan stante li skont l-istess Qorti ma kienx il-*forum* appożitu sabiex tingħata tali deċiżjoni.

Illi għaldaqstant ir-rikorrenti pproċedew quddiem dan il-Bord stante li waħda mill-kompetenzi tiegħu huwa li jordna żgumbrament minn fondi mikrija.

Illi fil-fehma tal-Bord, is-sentenza su ċitata, ikkrejat dritt kweżit fir-rikorrenti fil-mument li l-istess saret *res judicata*. Illi dan qiegħed jingħad anke fid-dawl tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jesiġi li jekk xi liġi tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-istess Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett. Kwindi ċertament, fid-dawl tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) l-intimati ma jistgħux jibqgħu jistrieħu iktar fuq id-drittijiet ta' rilokazzjoni naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, li għalkemm kif qal tajjeb id-difensur tal-intimati id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Kapitolu għadhom viġenti, ġew dikjarati leżivi tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u kwindi bla effett. Lanqas ma jistgħu l-intimati jsibu kenn minn xi dritt naxxenti mill-Kodiċi Ċivili kif ġie dibattut mid-difensur tagħhom.

Illi l-Bord jirrileva illi l-argumenti mressqa mill-intimati fis-sottomissjoni orali tad-difensur tagħhom diġà ġew trattati *in parte* quddiem dan il-Bord kif presjedut fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Debono et vs Stefan Mifsud et[1],** liema kawża ġiet deċiża fil-25 ta' Marzu 2021 fejn dan il-Bord ddeċieda s-segwenti:

*"Wieħed irid jiftakar li l-punto di partenza ta' din il-kawża huwa dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom. B'dak argumentat mill-intimati qiegħed jiġi propost illi r-rikorrenti għandhom ikomplu jġarrbu ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom sakemm jiskadi t-terminu kurrenti tal-kirja, taħt l-istess termini u kundizzjonijiet, liema termini u kundizzjonijiet ġew dikjarati bħala leżivi għad-drittijiet fundamentali tagħhom. Illi li kieku dan il-Bord kellu jilqa' tali argumenti u eċċezzjoni jkun qiegħed jirrendi ruħu kompliċi fil-ksur ta' drittijiet fundamentali kif dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali, ħaġa li ċertament dan il-Bord mhux se jagħmel."*

---

[1] Mhux appellata

Illi l-Bord m'għandux x'iżid ma' dak enunċjat hawn fuq. Madankollu, il-Bord ħa wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjoni tad-difensur tal-intimati illi riċentement għadda fil-Parlament abbozz ta' liġi dwar il-kirjiet protetti u li skont hu dan jista' jaffettwa l-posizzjoni tal-partijiet. Illi filwaqt li l-Bord japprezza l-argumenti mressqa mid-difensur tal-intimati, jirrileva illi ma jistax jiskarta l-pronunzjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), liema pronunzjament ikkristallizza l-posizzjoni bejn il-partijiet.

Illi dan il-Bord intalab ukoll sabiex jiffissa terminu qasir u perentorju *entro* liema l-intimati għandhom jiżgumbraw mill-fond *de quo*. Il-Bord japprezza li l-intimati jistgħu jsibu rwieħhom f'diffikultajiet kbar wara din id-deċiżjoni. Madankollu l-Bord irid iħares ukoll id-drittijiet tas-sidien kif enunċjati bis-sentenza kostituzzjonali. Għalhekk huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi għandu jagħti żmien biżżejjed biex l-intimati, li għandhom ċertu età, jilħqu jagħmlu arranġamenti alternattivi. Għaldaqstant se jkun qiegħed jordna lill-intimati sabiex jiżgumbraw mill-fond *de quo* fi żmien disgħin (90) ġurnata.

Illi finalment, dan il-Bord intalab jiddikjara u jiddeċiedi li kull ġurnata in okkupazzjoni qed tikkawża danni lir-rikorrrenti. Abbażi ta' dak deċiż hawn fuq, il-Bord se jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' din it-talba, b'riżerva għal kwalunkwe dritt spettanti lir-rikorrenti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, dan il-Bord qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent fit-termini hawn taħt enunċjati, u għaldaqstant:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi abbażi ta' dak deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-deċiżjoni Tagħha tat-18 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Georgina Grima et vs L-Avukat tal-Istat et (**Rikors Numru 108/2020), l-intimati Mary Galea u Joseph Galea ma jistgħux jibqgħu jistrieħu fuq id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kapitolu 69) sabiex jibqgħu fl-okkupazzjoni tal-fond 125, Triq Frans Sammut ġja Bishop Caruana Street, Żebbuġ, proprjetà tar-rikorrenti;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' dik il-parti tal-ewwel talba fejn intalbet dikjarazzjoni li "kull ġurnata in okkupazzjoni qed tikkawża

danni lir-rikorrenti", u dana b'riżerva għal kwalunkwe dritt spettanti lir-rikorrenti;

3. Jikkundanna lill-intimati Mary Galea u Joseph Galea jiżgumbraw mill-fond numru 125, Triq Frans Sammut ġja Bishop Caruana Street, Ħaż-Żebbuġ fi żmien disgħin (90) ġurnata mil-lum u jirritornaw l-istess fond bil-pussess battal favur ir-rikorrenti.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

___________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

____________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**